# Apprezzament ta'
# DUN PIJU ZERAFA

James Buttigieg

***Dun Piju twieled in-Nadur nhar it-30 ta' Marzu 1926, iben il-mejtin Angelo Zerafa u Carmela nee Vella. Piju kien is-6 wild fost 11-il wild u 2 oħra li mietu trabi. Kienet familja li tat lin-Nadur 3 Saċerdoti u Patri Dumnikan. Dun Piju issemma' għal Papa Piju wara li missieru Angelo fl-1925 mar Ruma biex jattendi għal Anno Santo li jiġi ċċelebrat kull 25 sena. Iż-żewġ ismijiet l-oħra kienu wkoll għall-papiet: Leo u Benedittu.***



Dun Piju mill-ewwel kellu involviment fil-Knisja fejn kien abbati ta' eta' żgħira. Wara li studja fl-iskola primarja fejn kien jgħallem missieru Angelo huwa mar is-Seminarju ta' Għawdex. Wara beda l-kors tal-istudju biex isir qassis u jagħti ħajtu għall-qadi fl-għalqa tal-Mulej. Piju sfortunatament marad bit-tuberkolosi f'nofs il-mixja tiegħu lejn is-saċerdozju. Kien żmien diffiċli għalih meta għal tliet snin sħaħ ma setax ikompli bl-istudji tiegħu għaliex qatta' ħafna żmien l-isptar u iżolat id-dar fejn ma kien jista' jidħol fejnu ħadd. Kien żmien ikrah li ħalla l-marka tiegħu fuqu billi għex il-kumplament ta ħajtu b'pulmun wieħed u trux minn widna waħda. Ħafna nies li kienu morda b'dik il-marda mietu imma l-Mulej kellu pjan ieħor għalih. Dun Piju daħal lura fil-mixja tiegħu lejn is-saċerdozju u ġie ordnat qassis fid-19 ta' Diċembru 1953. Huwa għamel il-prima messa fl-istess jum ma' ħuħ Patri Pietru Pawl Zerafa OP li għalkemm kien iżgħar minnu laħqu minħabba l-marda li ħakmitu. Kienet okkażżjoni ta' ferħ kbir fil-familja tiegħu meta ftit ħasbu li ser jarawh fuq l-artal bħala qassis meta kien marid. Dun Piju b'hekk segwa lil ħutu t-tewmin Dun Piet u Dun Pawl li kienu ġew ordnati saċerdoti ftit ta' snin qabel.Huwa ġie maħtur Kanonku Teologu fid-9 ta'Awwissu 1959 u Kanonku Teżorier fl-1 ta' Mejju 2012.

Dun Piju beda l-ħidma tiegħu bħala Viċi parroku fejn dam 12-il sena. F'dan il-perijodu huwa assista ħafna moribondi ġranet u ljieli sħaħ, qarar, ta l-barka u ta servizz mill-aqwa. L-Arċipriet Mikiel Portelli kellu kliem ta' tifħir għas-servizz tajjeb u l-puntwalità ta' Dun Piju. Dun Piju kien devot ta' San Ġużepp, il-Kunċizzjoni u kien jitlob ħafna lill-anġlu kustodju. Kellu għal qalbu ħafna l-quddiesa tal-ewwel. Is-sagristan ġieli sabu jistennieh fil-bieb biex jibda l-missjoni tiegħu fil-Knisja. Kien iqarar u jieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali ta' dawk li jbakkru filgħodu. L-abiti ta' qassis u anke l-oġġetti marbuta mal-quddies kienu mill-aqwa għaliex kien jemmen li Alla jistħoqlu l-aqwa.

Huwa kien jgħix il-ġurnata b'mod sistematiku u mqassma mal-quddiesa tal-ewwel, it-talb u r-raba'. Kif għidt qabel kien iqum kmieni, iqaddes iqarar u jitlob. Wara għal kolazzjon id-dar. Dritt għal ġol- għalqa u l-kampanja fejn hemm ukoll kien isib lil Alla. Kien jieħu gost jara l-pjanti, ix-xitel u s-siġar jikbru u jagħmlu l-frott. Kien spiss jitlob għax-xita u anke kellu l-istrumenti biex ikejjel ix-xita. Wara kien imur lura d-dar fejn wara ftit mistrieħ jibda t-talb u l-qari tal-uffiżju. Fit 3:00 ta' wara nofsinhar kien jgħid ir-Rużarju ma' ħutu fid-dar. Wara jattendi għal xi kantata jew xi funeral fin-Nadur jew anke barra ir-raħal. Kellu diversi passatempi fosthom dak tat-trobbija tan-naħal. Għalih in-naħal kienu importanti ħafna biex idakkru s-siġar u l-pjanti. Kien abbonat f'diversi rivisti fuq it-tkabbir tan-naħal u kien intiż ħafna fis-suġġett. Mhux l-ewwel darba li rebaħ xi unur bil-għasel u bix -xemgħa magħmula minn naħal fil-Wirja ta' Santa Marija. Kien iqatta' ħin isensel il-kuruni u jsewwi xi nuċċali. Ta' min jgħid li għall-bidu biex isewwi l-kuruni kien juża il-fidiferru mill- maskli ta' żmien il-gwerra. Aktar tard ħuh Patri Pietru Pawl li kien Ruma kien jibgħatlu l-fidiferru, is-slaleb u d-domni ta' mal-kuruni minn Ruma. Kien delettant tal-inbid u mhux l-ewwel darba li għamel xi esperiment fl-inbid. Dun Piju kien ukoll jiġi mqabbad jaqleb għall- Malti dokumenti antiki bil-Latin u kien jiflihom sewwa ħafna biex jinterpretahom. Dan kien xogħol metikuluż ħafna.

Dun Piju kellu għal qalbu ħafna l-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Huwa mexxa l-funzjonijiet fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù fin-Nadur u kien ikun jidher għal qalbu ħafna. Kien devot tal-Kunċizzjoni u kien imexxi l-pellegrinaġġ filgħodu li kien jiġi organizzat mill-Parroċċa tagħna għall-Kappella tal-Kunċizzjoni tal-Qala. Dun Piju kien iqaddes u jqarar spiss fl-iskola Primarja tan-Nadur. Kien jattendi b'mod regolari għall-Matutin u l-Għasar il-Ħadd wara nofsinhar kien ikun jistennieh.

Il-Kanoku Dun Piju Zerafa kien magħruf għall-priedki konċiżi, diretti, maħsuba u spjegati b'mod konvinċenti.

Kien ikun qisu qed jgħid 'isma jien nemmen f'dak li qed ngħidilkom jew emmnuni għax naf x'jien ngħid'. Hu kien bniedem aġġornat ħafna fil-qasam liturġiku u baqa' sal-aħħar jixtri diversi rivisti ta' natura reliġuża kull ġimgħa. Mhux l-ewwel darba li talab lil qrabatu biex jikkuppjawlu xi artiklu fuq il-websites tal-Vatikan u websites oħra marbuta mal-knisja. Wara l-Konċilju Vatikan it-tieni meta kien ikun hemm xi diffikultà fil-liturġija kienu jsaqsu lilu għax kien intiż ħafna. Dejjem kien interessat f'dak li qed jaħsbu l-esperti tal-knisja u kien metikuluż ħafna fl-istudju. Kien jgħid li hu jrid ikun jaf l-ħaġa sewwa u minn ras il-għajn.



*F'dan ir-ritratt jidher Angelo Zerafa, missier Dun Piju, għalliem fl-iskola tan-Nadur*

# *Grazzi* ta' kollox Dun Piju

Dun Piju ma kienx wieħed li jdoqq it-trombi jew li ser issibu fl-ewwel filliera imma kien dejjem preżenti jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' Ministru ta' Alla b'mod rett, serjeta' u metikuluż ħafna. Ma kienx ifittex il-plateja imma bis-silenzu tiegħu kien ta' eżempju tajjeb li kif kien jgħid huwa stess trid tagħmel dak li tippriedka. Kien bniedem ta' ftit kliem u d-deċizzjonijiet tiegħu kienu jkunu meħuda wara li xtarr sewwa u studja sew is-sitwazzjoni. Dun Piju qatt ma siefer u kienu rari wkoll il-mawriet tiegħu f' Malta imma kien aġġornat sewwa xorta waħda x'qed jiġri madwaru. Dun Piju kien marbut ma' daru, il-knisja u l-kampanja. Huwa qeda lin-Nadurin mill-qalb tul id-59 sena ta' saċerdozju u fis-17 ta' April ħalla dan il-wied ta' dmugħ biex jingħaqad mal-Ħallieq li lilu tant ipprova iservi mill-aħjar li seta'. Dun Piju ried li l-funeral tiegħu ikun okkażżjoni ta' ferħ. ■